31998R1011

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1011/98

ta' l-14 ta' Mejju 1998

li jemenda Regolament (KEE) Nru 1722/93 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 u (KEE) Nru 1418/76 dwar rifużjonijiet tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u r-ross rispettivament

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 923/96 [2] u partikolarment l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 192/98 [4], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1722/93 tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 u (KEE) Nru 1418/76 dwar ir-rifużjonijiet tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u r-ross rispettivament [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/95 [6], jipprevedi, għall-metodu tal-kalkolazzjoni tar-rifużjoni tal-produzzjoni, distinzjoni bejn lamti li fihom il-qamħirrum, il-qamħ, il-patata u r-ross fuq naħa waħda u lamti li fihom ix-xgħir u l-ħafur fuq in-naħa l-oħra; billi l-esperjenza wriet li l-iffissar ta' ammont speċifiku għall-prodott li fih ix-xgħir u l-ħafur m'għadux neċessarju u li l-ammont uniku tar-rifużjoni jista' għalhekk japplika għal kull lamtu mingħajr ir-riskju ta' kumpens mhux xieraq.

Billi miżuri individwali għandhom ikunu antiċipati fiż-żmien tal-bidla tas-sena tas-suq, fir-rigward tat-terminu ta' validità taċ-ċertifikati tar-rifużjoni u l-adattar ta' l-ammont tar-rifużjoni unika;

Billi, għall-liberazzjoni tal-garanzija individwali b'mod partikolari għall-lamti esterifikati u eterifikati, huwa importanti li tiġi speċifikata il-ħtiega ewlenija li għandha tiġi mħarsa; billi mad-disposizzjonijiet speċjali applikabbli għal dawn il-prodotti xorta għandhom jiġu miżjuda ċerti miżuri immirati lejn l-effettività tal-kontrolli u s-sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tat-trasformazzjoni jew l-użu tal-kundizzjonijiet;

Billi r-regolament jistabbilixxi attwalment li l-Istati Membri għandhom jgħarrfu kull xahar lill-Kummissjoni bl-informazzjoni ta' l-istatistika li tkopri fl-istess ħin il-kwantitajiet tal-lamtu li benefikaw mir-rifużjoni tal-produzzjoni u l-prodotti li għalihom intuża' l-lamtu; billi deher li dan r-ritmu ta' informazzjoni huwa wisq frekwenti u li hu neċessarju li jiġi sostitwit b'notifikazzjoni ta' kull tliet xhur;

Billi l-Kumitat ta' l-Immaniġġjar għaċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1722/93 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. F'każijiet fejn tingħata rifużjoni, din tkun stabbilita darba f'xahar. Iżda, jekk il-prezzijiet tal-qamħirrum u/jew qamħ fil-Komunità jew fis-suq dinji jinbidlu b'mod sinifikanti, ir-rifużjoni kkalkolata skond il-paragrafu 2 tista' tkun modifikata matul dan ix-xahar biex jittieħed qies ta' dawn il-bidliet.

2. Ir-rifużjoni għal kull tunnellata metrika ta' lamtu ta' qamħirrum, qamħ, xgħir, ħafur, patata, ross jew ross imkisser huwa kkalkolat b'mod partikolari fuq il-bażi tad-differenza bejn:

(i) il-prezz tas-suq tal-qamħirrum fil-Komunità, validu matul il-ħamest ijiem preċedenti għall-ġurnata ta' l-iffissar, meta wieħed iqis il-livelli tal-prezz konstatat għall-qamħ; u

(ii) il-medja tal-prezzijiet rappreżentattivi cif tal-importazzjoni ta' Rotterdam użati biex jiġu determinati d-dazji fuq l-importazzjoni tal-qamħirrum, konstatati matul il-ħamest ijiem preċedenti għall-ġurnata tal-bidu ta' l-applikazzjoni,

multiplikati b'koeffiċjenti ta' 1,60.

3. Ir-rifużjoni li għandha titħallas tkun dik kalkolata skond il-paragrafu 2 u moltiplikata bil-koeffiċjenti indikat fl-Anness II li jikkorrispondi għall-Kodiċi NM tal-lamtu attwalment użat għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti approvati.

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
[2] ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.
[3] ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.
[4] ĠU L 20, tas-27.1.1998, p. 16.
[5] ĠU L 159, ta' l-1.7.1993, p. 112.
[6] ĠU L 147, tat-30.6.1995, p. 49.

4. Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan l-artikolu għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92"

2. Fl-Artikolu 6, paragrafi 3 u 4 huma mibdula b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċertifikat tar-rifużjoni għandu jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) kif ukoll ir-rata tar-rifużjoni li għandha titħallas u l-ġurnata finali tal-validità taċ-ċertifikat li għandha tkun l-aħħar ġurnata tal-ħames xahar wara x-xahar tal-ħarġa.

Iżda, matul Lulju, Awissu u sa l-24 ta' Settembru inkluż, il-validita' taċ-ċertifikati mitluba matul il-perjodi inkwistjoni hija limitata għal 30 jum mill-ġurnata tal-ħarġa tagħhom, mingħajr ma jkun possibbli li jiġi maqbuż il-limitu tat-30 ta' Settembru.

4. Ir-rata tar-rifużjoni applikabbli u indikata fuq iċ-ċertifikat tikkorrispondi ma' dik valida fil-jum ta' meta ġiet irċevuta t-talba.

Iżda, fejn xi kwantitajiet ta' lamtu indikati fuq iċ-ċertifikat huma proċessati waqt is-sena tat-tqegħid fis-suq taċ-ċereali ta' wara dik li fiha tkun ġiet irċevuta l-applikazzjoni, ir-rifużjoni li għandha titħallas għal dak il-lamtu li hu pproċessat fis-sena l-ġdida tat-tqegħid fis-suq għandu jkun adattat skond id-differenza bejn il-prezz ta' l-intervent applikabbli matul ix-xahar tal-konsenja taċ-ċertifikat ta' restituzzjoni, u dak applikabbli fix-xahar ta' l-ipproċessar, moltiplikat b' koeffiċjenti ta' 1,60. Ir-rata tal-kambju li għandha tintuża' biex jiġi espress l-ammont tar-rifużjoni f'munita nazzjonali għandha tkun dik valida fil-ġurnata li fiha kien ġie pproċessat il-lamtu."

3. Fl-Artikolu 9, mal-paragrafu 2 jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"Il-ħtiega ewlenija, skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, tikkostitwixxi l-użu jew l-esportazzjoni tal-prodott skond id-disposizzjonijiet rispettivi tas-subparagrafi (a) u (b) ta' paragrafu 1 ta' l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. L-użu jew l-esportazzjoni għandu jiġi effettwat fi żmien 12-il xahar wara d-data ta' l-egħluq tal-validità taċ-ċertifikat. Tista' tiġi kunsidrata estensjoni ta' mhux aktar minn sitt xhur mnn din id-data ta' l-egħluq fuq bażi ta' talba debitament ġustifikata ppreżentata lill-awtorità kompetenti."

4. Ma' l-Artikolu 10(4) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"Iżda, ix-xerrejja li, kull tliet xhur, jużaw kwantità tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi NM li hi inqas minn 1 000 kg, jistgħu jkunu eżentati minn dan l-obbligu."

5. L-Artikolu 12 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull perijodu ta' tliet xhur tas-sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-tip, kwantitajiet u oriġni tal-lamtu (qamħirrum, qamħ, patata, xgħir, ħafur jew ross) li għalih tħallsu rifużjonijiet u t-tip u l-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom ntuża' l-lamtu."

6. Nota f'qiegħ il-paġna 4, imsemmija f'L-Anness II, hija mibdula b'dan li ġej:

"Prodott direttament mill-qamħirrum, qamħ, xgħir, ħafur, ross jew patata, mingħajr l-ebda użu ta' prodotti derivattivi miksuba fiż-żmien tal-manifattura ta' prodotti agrikoli oħra jew merkanzija."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda jseħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Mejju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni